26 ta' Jannar, 1948

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Rafel Pavia

## Rekwiżizzjoni — "Lawful Excuse".

*Il-fatt li wieħed ikun joqgħod f'post u ma għandux post ieħor fejn joqgħod barra minn dak, ma hux "lawful excuse" biex huwa ma jobdix ordni ta' rekwiżizzjoni li ssirlu fuq dak il-post. Jekk huwiex ġust u spedjenti, f'ċirkustanzi simili, li joħroġ ordni ta' dik ix-xorta, hija kwistjoni li r-"requisitionee" għandu jaraha mal-poter amministrattiv; imma l-Qorti ma tistax tissindaka dak l-ordni, sakemm l-istess ikun inħareġ mill-awtorità kompetenti u fil-forma li trid il-liġi.*

Dan hu appell tal-Prosekuzzjoni;

L-imsemmi Pavia ġie miġjub quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex jirrispondi għall-imputazzjoni illi naqas li jagħti possess tad-dar nru. 49 Triq San Pawl, Birżebbuġa, u jagħti l-imfietaħ tagħha lill-Uffiċjal inkarikat mid-Djar f'Birżebbuġa, kif ordnalu l-Kummissarju nkarikat mid-Djar;

Il-Qorti t'Isfel illiberatu;

Fuq dan l-appell il-Qorti kkunsidrat;

Il-Prosekuzzjoni għandha l-jedd li tappella, għaliex hemm involut pont ta' liġi;

Il-Maġistrat sab lill-imputat mhux ħati għaliex, kif irritjena, l-imputat ma għandux fejn joqgħod post ieħor, u jmur għand oħtu sporadikament, u iżjed jorqod fil-post rekwiżizzjonat milli għand oħtu;

Din il-Qorti rriteniet, f'għadd ta' kawżi bla numru, illi l-fatt li r-"requisitionee" jkun joqgħod fil-post rekwiżizzjonat, u ma jkollux post ieħor barra minn dak, ma jikkostitwixxix ċirkustanza li tintitolah jikkontrasta r-"requisition order". Ir-Regulation 52 tal-Malta Defence Regulations, 1939, ma tiddistingwix bejn post okkupat u post mhux okkupat, bħal ma jagħmlu l-Protection Office Regulations ta' l-1942; u din ir-"requisition" fil-każ preżenti saret appuntu taħt ir-reg. 52 fuq imsemmija. Jekk hux ġust jew spedjenti, f'każijiet partikulari, li jinħareġ ir-"requisition order", hija kwistjoni ta' 'executive discretion' li teżorbita mis-sindakat tal-Qrati. Dawn

*jistgħu biss jaraw jekk l-ordni ħariġx mill-awtorità kompetenti* u fil-forma meħtieġa;

Ebda "lawful excuse" fis-sens fuq imsemmi ma ġiet allegata;

Għalhekk il-Maġistrat ma kienx korrett meta rritjena illi l-fatt li r-"requisitionee" jkun joqgħod fil-post rekwiżizzjonat u ma għandux post ieħor fejn joqgħod jintitola r-"requisitionee" li jopponi l-"Order". Dik il-kwistjoni għandu jaraha biss il-poter amministrattiv;

*Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi;*

Billi tilqa' l-appell ta' l-Attorney General, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-imputat ħati, u twara li rat ir-reg. 52............ tikkundanna lill-imputat għal multa ta' 10s. u tagħtih żmien 40 ġurnata mil-lum biex jobdi l-"order", taħt penali ta' 2s 6d. għal kull ġurnata dewmien.